## PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' ĠUNJU, 2024**

**Kawża Numru: 1**

**Rik. Ġur. 1100/2012 RGM**

**Yousuf Lukmon**

**vs.**

**ELA Limited**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors maħluf tal-1 ta' Novembru 2012 l-attur fisser li fis-17 t'Ottubru 2011 għal ħabta ta' nofsinhar huwa kien qiegħed jaħdem fl-iskrap yard proprjetà tas-soċjetà konvenuta u kien qiegħed jgħaddi *copper wire* ġewwa magna li taqta' dan it-tip ta' *wire*. Fisser li subgħajh *index* tal-lemin u tan-nofs (ċioe t-tieni u t-tielet sebgħa) inqabdu mal-*copper wire* u daħal kollox fil-magna biex b'hekk intilfu parti minn subgħajh. Ippremetta li s-soċjetà konvenuta bħala l-persuna li tħaddem lill-attur ma żguratx is-saħħa u s-sigurtà tiegħu waqt ix-xogħol u l-anqas ma adottat dawk il-miżuri ta' prevenzjoni ta' inċident fuq ix-xogħol kif kien obbligat li jagħmel bħala *employer*. Għaldaqstant talab lil din il-Qorti

   "1. Tiddikjara lis-soċjetà intimata responsabbli għall-inċident li ġarrab Lukmon Yousuf fis-sbatax ta' Ottubru 2011 (17/10/2011).

   2. Tillikwida d-danni li sofra r-rikorrenti.

   3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas d-danni hekk likwidati."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fit-18 ta’ Jannar 2013 fejn eċċepiet li hija ma taħti bl-ebda mod għall-allegat inċident u ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tal-attur. Eċċepiet li mhux minnu li bħala prinċipal tal-attur, ma żguratx is-saħħa u s-sigurtà tiegħu fuq il-post tax-xogħol u lanqas huwa minnu li hija ma addottatx miżuri ta’ prevenzjoni ta’ inċident fuq il-post tax-xogħol. Eċċepiet ukoll li huwa l-attur li jaħti għall-inċident li jallega li ġarrab billi l-magna li fuqha jgħid li kien qed jaħdem kellha l-miżuri neċessarji għas-saħħa u s-sigurtà.

3. Rat li din il-Qorti kif diversament preseduta innominat lill-konsulent Mr. Joseph Borg bħala espert mediku sabiex jirrelata dwar id-diżabilità allegata mill-attur.

4. Rat ir-rapport tal-espert mediku .[1]

5. Rat il-provi tal-partijiet u l-atti kollha tal-kawża.

6. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

7. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**L-Azzjoni Attriċi.**

8. Il-mertu ta’ din il-kawża huwa marbut ma inċident fuq il-post tax-xogħol li seħħ fis-17 t’Ottubru 2011 fl-iskrapyard tas-soċjetà konvenuta ġewwa l-Kalkara. L-attur, ta’ nazzjonalità Sudaniża, ġie impjegat mis-soċjetà konvenuta fis-16 t’April 2008, fejn xogħlu kien ta’ *labourer*. L-inċident allegatament ġara filwaqt li hu kien qed jopera magna qisha mqass li tintuża biex taqta’ metall artab bħala aluminju u ram. Kien dan l-imqass li allegatament qatgħa barra t-tieni subgħa (index finger) u parti mit-tielet subgħa (is-seubgħa tan-nofs) ta’ idu l-leminija.

9. L-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta’ kumpens mis-soċjetà konvenuta għad-danni li sofra b’konsegwenza tal-imsemmi inċident li huwa jgħid li huwa imputabbli lis-soċjetà konvenuta minħabba negliġenza, traskuraġni u non-osservanza tar-regolamenti dwar sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol.

10. Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta qed tiċħad kull responsabbiltà għall-inċident u tgħid li dan kien biss tort tal-attur u għaldaqstant qiegħda tikkontendi li m’għandha tikkumpensah għal ebda danni.

Ikkunsidrat

[1] Fol 138 et seq tal-proċess.

**Provi**

11. Xehed permezz t'affidavit l-**attur** fejn fisser li huwa kien jaħdem mas-soċjetà konvenuta bħala *labourer* u fil-ġurnata tas-17 t'Ottubru 2011 għal ħabta ta' nofsinhar kien qiegħed jaqta *scrap wires* ossia *copper wires* ġo magna. Jispjega li huwa kien waħdu u għal dan ix-xogħol ingħata struzzjonijiet mill-prinċipal tiegħu Emanuel Lawrence Attard, sid il-kumpanija. Jispjega li huwa kien ilu jaħdem fuq din il-magna għal madwar xahar biss però mhux kuljum u għal ftit ġranet. Ifisser li bħala taħriġ ma tantx ingħata u lanqas ma kien jaf jekk din il-magna kellix *safety feature*. Ifisser li din il-magna xogħolha huwa li taqta' affarijiet tal-metall u hija marbuta mal-art u hija magna kbira. Fisser li dak inhar huwa kien qiegħed jgħaddi *copper wire* u f'daqqa t'għajn subgħajh resqu lejn il-*cutter* ta' mal-magna u qatgħet żewġt iswaba. Fisser li f'idejh huwa kellu ingwanta minn materjal tad-drapp. Jgħid li huwa mar jiġri lejn l-uffiċċju tal-kumpanija u hemm sab lill-iben is-sid u stennew lit-tifla tas-sid il-kumpanija biex ħaditu l-*polyclinic*. Jgħid li wara ftit ttieħed l-isptar b'ambulanza. Dak inhar tal-inċident huwa kellu 36 sena u kellu paga ta' €640 fix-xahar.

    In kontro-eżami fisser li huwa kien ilu jaħdem mal-kumpanija konvenuta mis-sena 2006 u kien impjegat bħala *labourer*. Mistoqsi jekk kellux esperjenza fix-xogħol li kien ser jagħmel, ix-xhud jgħid li ma kellux. Mistoqsi x'kien xogħlu, Lukmon qal li huwa kien beda billi jaqta' *scrap iron* bl-użu ta' magni u għal dak kien ġie mħarreġ minn Raymond Mifsud liema xogħol dam jagħmel għal madwar tlieta jew erba' snin. Jispjega li huwa ma kienx weġġa waqt li kien qiegħed jaqta' l-ħadid iżda waqt li kien qiegħed jaqta' *copper wire* b'użu ta' magna kompletament differenti, magna li qisha mqass. Mistoqsi kif weġġa bl-imqass ta' din il-magna, ix-xhud qal li huwa kien ġie infurmat li l-*wire* kellu jaqtgħu biċċiet żgħar ta' daqs ta' madwar tlieta jew erba' ċentimetri u kien f'dak il-mument li subgħajh spiċċat taħt l-imqass. Mistoqsi jikkonferma li akkadut seħħ waqt il-brejk ta' filgħodu, ix-xhud insista li kien filgħodu u mhux waqt il-ħin tal-brejk. Mistoqsi ukoll jekk kienx waħda, ix-xhud jgħid li kien hu u ċertu Jesmond Frendo li ma kienx ħdejh waqt l-akkadut iżda kien qiegħed idur l-uffiċini. Mistoqsi fejn kienu l-kumplament tal-ħaddiema, ix-xhud jgħid li "*they were absent*"[2]. Mistoqsi jekk kienx qiegħed jaħdem fuq tires dak inhar ix-xhud jinsisti li ma kienx. Mistoqsi kif ma kienx hemm demm fuq il-magna, ix-xhud spjega hekk "*because it is a very fast scissors that it cut the finger and it doesn't the blood come out immediately on the scissors it will come after it cut the finger. [...] because it is very sharp, it is very fast.*"[3] Ix-xhud insista li qata' subgħajh u kellu biċċa minn subgħajh li żammet f'postha bis-saħħa tal-ingwanta tal-ġilda li kien liebes. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà konvenuta baqgħet tħallsu sa Diċembru 2012, ċioe sa sena wara li seħħ l-akkadut u skont ix-xhud dan sar għaliex kien fuq *injury leave*.

12. Xehed **Dr. Francis Fenech** fejn fisser li l-involviment tiegħu fir-rigward tal-każ tal-attur kien bħala *houseman* fl-amputazzjoni fejn kien qiegħed jara li kollox qiegħed imur

[2] Fol 152 tal-proċess.

[3] Fol 153 tal-proċess.

tajjeb u li ffirmalu d-*discharge letter*. Ix-xhud jgħid li mill-fajl mediku jidher li kellu infezzjoni f'subgħajh l-*index* tal-lemin b'konsegwenza li kellhu jinqata' sabiex ma jiggravax il-pazjent. Ix-xhud jiddikjara li huwa ma jiftakar xejn dwar dan il-każ jiftakar però li l-kirurgu kien Mr Jason Zammit.

In kontro-eżami huwa ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni li kien hemm infezzjoni u x-xhud jgħid li fil-passat kellu trawma f'idejh u ppruvaw iħalluhom "*the approximate edges*"[4]. Mistoqsi x'infezzjoni kienet, ix-xhud jgħid li huwa ma jafx u fil-fajl mediku m'hemmx x'mikrobu kien però ingħata antibijotiċi għall-infezzjoni. Mistoqsi x'jista' jkun li wassal għall-infezzjoni, it-tabib fisser li tista' tkun ġiet mill-magna li qatgħatlu subgħajh jew inkella għax ma jkunx ħa ħsiebha biżżejjed.

13. Xehed **Mr Jason Zammit**, konsulent fl-Ortopedija u trawmatoloġija l-Isptar Mater Dei fejn fisser li Yousuf Lukmon iddaħħal l-isptar fis-17 t'Ottubru 2011 f'12:04 u l-istorja li ddeskriva kienet li huwa kien ix-xogħol u qata' t-tieni u t-tielet sebgħa tal-id il-leminija b'xi tip ta' mqass. Jgħid li dak inhar stess, fl-erbgħa ta' wara nofsinhar saritlu operazzjoni mit-tabib li jkun parti mit-tim tiegħu fejn sar intervent sabiex jippruvaw isalvaw iż-żewġt iswaba. Jgħid li huwa invistah fid-19 t'Ottubru u fil-21 t'Ottubru ġie liċenzjat biex joħroġ mill-isptar (*discharged*). Fisser li wara li ġie *discharged* sar *follow-up* u sabu li ma jistgħux isalvawlu s-swaba u kien għalhekk li fil-15 ta' Novembru 2011 saret l-operazzjoni biex jinqatgħu s-swaba. Ifisser li huwa ma kienx il-persuna li għamel ir-rapport mediku u lanqas ma daħal fil-kwistjoni ta' diżabilità li sofra l-attur, però jikkonferma li hemm diżabilità permanenti f'dan il-każ. Jgħid li meta ddaħħal l-isptar il-pazjent kellu t-tieni sebgħa maqtugħ kompletament u t-tielet wieħed kien "*hanging on a thread*"[5] fejn l-arterja kienet għada intatta.

In kontro-eżami x-xhud ikkonferma li huwa l-ferita proprja ma rahiex dak il-ħin li l-attur iddaħħal l-isptar iżda raha jumejn wara però kellhom jagħtu ċans sabiex jaraw jekk kienx hemm ċirkolazzjoni fis-swaba. Huwa fisser li meta huwa rah huwa osserva li kien hemm riskju kbir li t-tieni subgħa jintilef. Mistoqsi x'tip ta' qata' kellu f'subgħajh l-attur, ix-xhud qal li huwa ma kienx f'pożizzjoni jgħid ġaladarba huwa rah jumejn wara u s-swaba kienu diġà meħjuta, jgħid li lanqas ir-rapport tat-tabib tal-*casualty*, Jonathan Zammit, ma kien kiteb x'tip ta' qata' kienet.

14. Xehed ukoll **Charles Micallef**, fi żmien l-aċċident kien *Principal* għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol fejn parti minn xogħlu kien li jmur fuq il-post tax-xogħol fejn ikun seħħ l-aċċident sabiex jinvestigaw u jaraw in-nuqqasijiet li jkun hemm. Jispjega li l-aċċident ta' s-Sur Lukmon seħħ fis-17 t'Ottubru 2011 u huma ġew notifikat mill-Avukat Dr Noel Cutajar fl-14 ta' Diċembru 2011. Jispjega li huwa tkellem mal-vittma u ċioe l-attur. Jgħid li l-attur kien imħarreġ minn ċertu wieħed Raymond Mifsud. Ifisser li Lukmon kien jagħmel diversi xogħlijiet mal-kumpanija konvenuta inkluż li kien iqiegħed *copper wire* fil-magna li tqatta' l-istess liema magna kienet waħda

[4] Fol 77C tal-proċess.

[5] Fol 89 tal-proċess.

awtomatika u taħdem f'intervalli, bi xfafar li jduru. Ix-xhud jgħid li huwa mar jagħmel spezzjoni kif ukoll tkellem ma' Lawrence Attard u Daniel Attard, direttur tal-kumpanija ELA Limited fit-13 ta' Jannar 2012. Jgħid li l-imsemmija kien min għalihom li Lukmon kien qiegħed ineħħi xi tires u weġġa hemm. Qalulu wkoll li ħaduh huma l-isptar u l-amputazzjoni saret aktar tard u saret l-amputazzjoni għax l-isptar ma tawhx l-aħjar kura. Mistoqsi mill-Qorti kif spjegawlu li weġġa' Lukmon, ix-xhud jgħid li kienu qalulu li "*when he was changing the tyre, he had snipped his two fingers between the chassis and the tyre*."[6] Ix-xhud jgħid li meta għamel l-ispezzjoni hu, il-magna kellha *guard* però jgħid ukoll li Lukmon kien qallu li l-*guard* ma kinitx hemm meta seħħ l-akkadut. Ix-xhud fisser ukoll li huwa kellu rapport tal-Inġinier Mario Magri, liema rapport ġie esibit minnu.

15. Ir-**rapport tal-Inġinier Mario Magri** huwa datat 29 ta' Jannar 2012 u minnu jidher li l-imsemmi Inġinier mar fuq il-post sabiex jispezzjona l-magna li weġġa biha l-attur. L-Inġinier ikkonstata hekk:

"*a) Guards: The machine has one main guard on the side where the operator stands and feeds the material to be cut. The guard is painted yellow [...]. There is no interlock switch on the guard and the machine may continue to operate even if the guard is removed. Otherwise the machine is totally enclosed in its housing and unless there is a mechanical breakdown no cover need to be removed.*

*b) Anti Block coupling – The electrical flywheel is connected to the cam by means of a wooden stick. This connects the flywheel to the cam mechanism. In the event that the machine blades hit something too hard for the machine this coupling is designed to break and the connection between the flywheel and the cam is lost and consequently the blades stop moving.*

*[...]*

*d) Warning signs – Not present. To fix warning signs showing risks of the machine and the use of PPE – (safety shoes, Safety Goggles & gloves)*"[7]

Wara li għamel diversi simulazzjonijiet fuq il-magna sabiex jiddetermina kif taħdem il-magna huwa wasal għas-segwenti rakkomandazzjonijiet:

"*a) To paint the guard in red and make sure that no operator operates the machine without the necessary guard.*
*b) Only trained technicians should be allowed to repair the machine in particular the internal linkage.*
*c) PPE – Gloves and protective eye wear should be worn at all times*

[6] Fol 125 tal-proċess.
[7] Fol 131 tal-proċess.

*d) To install a more visible emergency push button switch*."[8]

16. Xehed permezz t'affidavit **Enzo Attard**, direttur tas-soċjetà konvenuta li tmexxi *skrapyard* liċenzjata fil-Kalkara. Jgħid li l-attur kien jaħdem mal-kumpanija u fiż-żmien il-kumpanija kienet titmexxa minn missieru Lawrence Attard li kien ġie nieqes fit-13 ta' Settembru 2014 wara marda serja. Jgħid li minn dak inhar huwa flimkien ma' oħtu Christine Attard bdew imexxu l-kumpanija però kienu jafu sew x'kien jiġri għaliex it-tnejn li huma kienu jaħdmu fl-istess post. Ifisser li Lukmon kien għamel jaħdem mal-kumpanija mis-16 t'April 2008 sas-26 ta' Marzu 2012 u kien impjegat bħala *labourer* fejn xogħlu kien li jqatta u jqaxxar il-cable mill-plastic biex joħroġ il-metall u ġieli anke kien iqatta l-ħadid bil-*burner*. Jgħid li dan ma kienx xi xogħol li jirrikjedi xi sengħa partikolari però kienu għallmuh kif irid jaħdem u qatt ma kellhom problemi. Ix-xhud jgħid li l-inċident li jilmenta bih l-attur kien seħħ waqt il-ħin tal-brejk ċioe bejn id-9:00 u d:9:30 ta' filgħodu. Jgħid li waqt dak il-ħin il-biċċa l-kbira kienu jiltaqgħu fil-kċina. Ikompli jgħid li dak inhar tal-akkadut, Lukmon ma kienx mar fil-kċina u minflok baqa' fil-*yard*. Jgħid li huwa kien fl-uffiċċju fl-istess blokka fejn għandhom il-kċina, missieru kellu impenji oħra u oħtu kienet ħarġet tixtri. Jgħid li f'daqqa u l-ħin daħal Lukmon fl-uffiċċju u kien qallu li weġġa bl-imqass. Jgħid li l-ingwanta ma kinitx imqatta' però kien hemm id-demm imċappas magħha. Jgħid li huwa ċempel lill-oħtu biex jgħidilha x'kien ġara. Jgħid li marret mill-ewwel lura l-*yard*, rabtitlu idu mill-polz biex twaqqaflu d-demm u ħaditu l-polyclinic ta' Bormla fejn minn hemm kienu ħaduh l-isptar b'ambulanza. Jgħid li huma baqgħu iħallsuh il-paga sena sħiħa nonostante li kienu waqfuh mix-xogħol peress li ma kienx ġedded il-permess tax-xogħol. Enzo Attard jgħid li huwa ma jistax jifhem kif weġġa Lukmon u ħadd ma ra x'ġara eżattament. Ix-xhud ikompli hekk:

> "F'kull kaz ukoll, ma nifhimx kif seta' wegga' kieku kien qed jjuza' l-imqass kif suppost. Dan l-imqass jahdem bil-mutur izda ma jghaggilx u ghalhekk trid tkun litteralment rieqed biex thalli idejk fejn ser jinzel l-imqass. Barra minn hekk jekk thalli idek tahtu dan jispicca jaqtaghhielek barra mhux sempliment jghaffigha kif gara lil Lukmon. Meta mort nezamina l-imqass jiena ma rajt ebda demm jew tracci ta' demm fuq l-imqass. Nippretendi li jekk dan dahallu fuq subghajh u hariglu d-demm, kien ser jibqa xi traxxi tad-demm mieghu. Mhux hekk sibt."[9]

Ix-xhud jgħid li Lukmon mhux vera kien qiegħed juża l-imqass iżda kien qiegħed jaqla' tire. Jgħidli huma jipprovdu s-*safety equipment* kollu meħtieġ li jinkludu ilbies, żraben u ingwanti, *helmets*, nuċċalijiet u lbies ieħor. Ix-xhud jgħid li anke kieku l-akkadut seħħ f'nofsinhar, dak kien il-ħin tat-tieni brejk. Jgħid ukoll li mhux vera li kien ilu biss xahar fuq il-magna li weġġa biha iżda dan prattikament kien ilu jużaha minn meta daħal jaħdem mal-kumpanija. Jgħid li l-magna għandha s-*safety features* neċessarji, inkluż *guard* u *safety switch* f'każ ta' bżonn u kollox ġie mgħallem kif juża.

---

[8] Fol 132 tal-proċess.

[9] Fol 176 tal-proċess.

In ri-eżami x-xhud jgħid li m'hemmx għalfejn tersaq lejn ix-xafra biex taqta' l-materjal. Jispjega li l-aħħar biċċa li tkun ta ħames jew sitt pulzieri jitfagħha sħiħa.

17. Xehdet **Christine Attard**, oħt Enzo Attard u ħaddiema mal-kumpanija konvenuta. Tgħid li l-inċident seħħ f'Ottubru 2011. Tgħid li x'ħin seħħ l-inċident, li kien għal ħabta tal-brejk tad-9 ta' filgħodu, hija ma kinitx l-uffiċċju għax marret tixtri iżda ċemplilha ħuha u kien qalilha li Lukmon weġġa subgħajh. Hija marret malajr il-*yard* u ħaditu l-polyclinic ta' Bormla. Tgħid li l-ingwanta li Lukmon kien liebes neħħewilu l-polyclinic u sabu li subgħajh kien mgħaffeġ iżda mhux maqtugħ. Minn hemm ħaduh l-isptar bl-ambulanza. Tgħid li hija kienet għamlet erbat ijiem twassal lill-martu l-isptar biex tarah. Tgħid li Lukmon baqa' jmur għal paga kull ħmistax u meta beda jieħu l-benfiċċju bdew ituh nofs il-paga. Tgħid li kien għamel sena bl-*injury leave* u meta ma ġeddidx il-permess biex jaħdem hija kienet waqqfitu. Ix-xhud tgħid li Lukmon xogħlu kien li jqaxxar u jqatta r-ram u l-aluminju u kien ilu jagħmel l-istess xogħol għal żmien twil. Tgħid li ħuha u missierha dejjem ħadu ħsieb jixtru ilbies protettiv u dak kollu li kien hemm bżonn. Tgħid li dan ix-xogħol kien isir minn tlieta min-nies u Lukmon qatt ma kien ikun waħdu jagħmel dak ix-xogħol.

In kontro-eżami tispjega li xogħolha huwa ta' segretarja. Tikkonferma li waqt il-ħin tal-akkadut, Lukmon kien waħdu.

18. Xehed **Joseph Andrea Preca**, sid , direttur u *general manger* tas-soċjetà Preluna Limited u Club Sushi Limited. Huwa spjega li Lukmon kien impjegat tagħhom mis-sena 2013 sas-sena 2021[10]. Jispjega li xogħlu mal-kumpanija Preluna Limited kien ta' *refrigeration technician* li tinkludi *fridges* kummerċjali u ACs filwaqt li mal-kumpanija Club Sushi Limited xogħlu kien *part-time* u jagħmel xogħol ta' *maintenance*. Ix-xhud jgħid li Lukmon kien jagħmel xogħol bl-idejn u kien tajjeb f'xogħlu. Mistoqsi jekk Lukmon kellux problemi biex jagħmel ix-xogħol b'idejh, ix-xhud jgħid li ma kellux għalkemm "*ma kienx 100%*"[11]. Ix-xhud jgħid li huwa konxju li Lukmon għandu żewġt iswaba neqsin u jgħid li Lukmon "*hu raġel li kien kapaċi, ovvjament kieku kellhu għaxra swaba xogħlu kien ħa jkun aħjar jiena m'għandhiex dubju imbagħad xi ħadd tekniku dan idejh fil-magni kien jipprova jsewwi.*"[12] Jispjega li huwa kien waqaf jaħdem magħhom għaliex kien hemm xi ħadd li offrielu paga aktar għolja u li s-soċjetà Preluna u s-soċjetà Club Sushi Limited ma setgħetx itih.

Ikkunsidrat

---

[10] Termination Form a fol 229 tal-proċess juri li l-impjieg ta' Lukmon ma' Preluna Limited ġie terminat fl-4 ta' Awwissu 2020. Fl-istess ġurnata ta' terminazzjoni, Lukmon kien ħallas sehmu għal perjodu tan-*notice period* li ma kienx ser jaħdem u din tinstab a fol 237 tal-proċess. Min-naħa l-oħra l-impjieg mas-soċjetà Club Sushi Limited ġie terminat fil-31 ta' Diċembru 2021 u dan kif tindika l-*payslip* a fol 249 tal-proċes.

[11] Fol 219 a tergo tal-proċess.

[12] *ibid*.

**Fatti pertinenti**

19. Mill-atti rriżulta s-segwenti fatti. L-attur beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta mis-16 t'April 2008 u l-impjieg tiegħu ġie terminat fis-26 ta' Marzu 2012. Huwa kien impjegat bħala *labourer* u meta beda jaħdem mas-soċjetà konvenuta xogħlu kien li jaqta' *scap iron* bl-użu ta' magni u għal dak kien ġie mħarreġ minn Raymond Mifsud liema xogħol dam jagħmel għal madwar tlieta snin.

20. Fis-17 t'Ottubru 2011 waqt li kien qiegħed fuq il-post tax-xogħol l-attur weġġa t-tieni (*index*) u t-tielet (*middle*) subgħa tal-id il-leminija. Filwaqt li l-attur fir-rikors promotur jgħid li weġġa għal ħabta ta' nofsinhar, ir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta jinsistu li seħħ għal ħabta tad-disgħa ta' filgħodu, waqt il-ħin tal-brejk. Hemm qbil però bejn il-partijiet li Christine Attard, oħt Enzo Attard, direttur tal-kumpanija, kienet barra mill-uffiċċju waqt il-ħin tal-akkadut, iżda marret immedjatament fuq il-post tax-xogħol sabiex tieħdu l-klinika ta' Bormla. Wara li ġie nvistat fil-klinika huwa ittieħed l-isptar sabiex jingħata l-kura meħtieġa.

21. L-attur fisser li huwa kien weġġa fuq magna, forma ta' imqass, li taqta' r-ram. Min-naħa l-oħra l-linja difenzjonali tas-soċjetà konvenuta meħuda waqt il-prosegweiment tal-kawża kienet li Lukmon weġġa waqt li kien qiegħed jaqla' tire minn karozza li kienet tinstab fl-iskrapyard.

**Konsiderazzjonijiet legali**

22. Il-Qorti tagħraf li għalkemm is-soċjetà konvenuta tikkonferma li Lukmon kien impjegat tagħha u li weġġa waqt il-ħin tax-xogħol, is-soċjetà konvenuta tinsisti li l-inċident seħħ waqt il-ħin tal-brejk u li m'huwiex minnu li qata' subgħajh bil-magna li taqta' r-ram iżda għaffeġ subgħajh waqt li kien qiegħed jaqla' t-tires minn ma' karozza, liema tires allegatament kien ser jeħodhom l-attur għall-użu personali tiegħu u dan wara li s-soċjetà konvenuta tagħtu permess jagħmel hekk. Il-konflitt fl-allegazzjonijiet huma għalhekk tnejn u ċioe l-ħin tal-akkadut u l-mod ta' kif seħħ l-inċident.

23. Il-punt ta' tluq huwa l-prinċipju li jinsab **f'Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** li jipprovdi illi: "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega*." Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 1953 "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat".*"

24. In tema legali ssir referenza għal dak li ingħad fil-kawża **Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Settembru 2013 fejn ingħad

> "Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma

jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju [Ara P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Nancy Caruana vs Odette Camilleri** (mhix pubblikata, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)]."

Kompla jingħad:

"Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka [App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Hans J. Link et vs Raymond Merċieca**]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha [App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**]."

25. Ta' min isemmi wkoll dak ribadit fil-każ **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi** deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-12 ta' April 2007:

"[...] in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**;

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 577**);

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. [...]"

26. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika dan it-tagħlim għal każ odjern. Kif ġa ritenut, tnejn huma d-differenza bejn dak li qiegħed jingħad mill-attur u dak li qiegħed jingħad mis-soċjetà konvenuta u ċioe l-ħin tal-akkadut u l-mod kif weġġa l-attur.

27. L-attur ippremetta u anke ħalef fl-affidavit tiegħu li l-akkadut seħħ għal ħabta ta' nofsinhar. Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha tinsisti li seħħ filgħodu bejn il-ħabta tad-disgħa u d-disgħa n-nofs, ċioe waqt il-ħin tal-brejk. Meta ġie mistoqsi dwar dan in kontro-eżami l-attur innega li kien waqt il-ħin tal-brejk, però jaqbel li fil-mument tal-akkadut huwa kien waħdu.

28. L-attur jaqbel ukoll li Christine Attard ma kinitx fuq il-post tax-xogħol waqt l-inċident imma kienet hi li marret mingħajr dewmien fuq il-post tax-xogħol u waslitu immedjatament il-klinika tal-Bormla. Christine Attard tikkonferma dan u tgħid li hija waslet malajr l-iskrapyard għaliex kienet ħarġet tixtri mill-Kalkara stess.

29. Tali konferma hija importanti sabiex jiġi determinat bejn wieħed u ieħor x'ħin seħħ l-akkadut. Mil-fajl mediku jidher u anke kkonfermat mill-konsulent Mr. Jason Zammit li Lukmon idaħħal Mater Dei f'12:04 (nofsinhar u erba' minuti). Dan huwa l-ewwel punt kruċjali li jindika li huwa impossibbli li l-akkadut seħħ għal ħabta ta' nofsinhar.

30. L-attur twassal Mater Dei b'ambulanza li telqet mill-klinika ta' Bormla fil-11:43 ta' filgħodu. Huwa evidenti wkoll mill-fajl mediku[13] li huwa wasal fl-imsemmija klinika għal ħabta tal-11:29. Għalhekk jekk huwa minnu li Christine Attard waslitu mingħajr dewmien wara l-akkadut, allura din il-Qorti għandha dubju wkoll kemm l-inċident seħħ bejn d-disgħa u d-disgħa u nofs ta' filgħodu, sagħtejn qabel id-daħħal il-klinika ta' Bormla.

31. In oltre s-soċjetà konvenuta insistiet li l-akkadut sar waqt il-ħin tal-brejk u kien għalhekk li ma kien hemm ħadd ħdejn Lukmon meta weġġa, però l-istess soċjetà naqset milli ittella bħala xhieda impjegati oħra sabiex jikkonfermaw li huma kienu qegħdin fil-kċina, kif allega s-Sur Enzo Attard fix-xhieda tiegħu.

32. It-tieni kuntratt fil-verzjonijiet tal-partijiet hija dwar il-mod ta' kif weġġa l-attur. Filwaqt li l-attur jinsisti li huwa weġġa bil-magna li taqta r-ram, is-soċjetà konvenuta tinsisti li Lukmon weġġa waqt li kien qiegħed jaqla' tire ta' karozza. Marbuta ma' din id-

[13] Fol 10 tal-fajl mediku.

differenza hija l-korriment per se. Is-soċjetà konvenuta tgħid li l-attur għaffeġ is-swaba, filwaqt li l-attur jgħid li qata' s-swaba.

33. Ġaladarba ma kien hemm ebda xhud okulari ta' kif seħħ l-akkadut u li tista' sserraħ fuqu, il-Qorti sejra tistrieħ primarjament fuq ir-riżultanzi mediċi. Tibda billi tagħmel referenza għar-*referral* li sar mill-klinika ta' Bormla għall-emerġenza ta' Mater Dei, fejn ġie miktub hekk "*Cut R index & middle fingers with large scissors at work. In sever pain. Amputated index & middle fingers [kelma ma' tingħarafx] in glove*."[14] Mill-bidu nett jidher għalhekk li dak li instab mill-professjonisti mediċi huma swaba maqtugħin. Fil-notamenti kliniċi tal-emerġenza ġew imniżżlin il-kliem "*traumatic amputation*"[15] u ċioe t-telf ta' parti minn ġisem. Fir-rapport meħuda mal-ammissjoni tal-attur fl-emerġenza ġie mniżżel is-segwenti: "*36 yr old gentleman injured at work whilst using scissors. Rt hand trauma sustained with amputation of index and middle fingers*."[16] Mir-rapport tal-operazzjoni jirriżulta li l-operazzjoni li saret fuq l-attur kienet ta' "*distal phalanges replantation*"[17] tat-tieni u t-tielet subgħa tal-id il-leminija u dan stante li instab "*subtotal amputation distal phalanges II finger. Total amputation distal phalanges II finger R hand*."[18] Għal kull buon fini *replantation* tfisser twaħħil mill-ġdid.

34. Mal-mument li huwa daħal għal kura l-klinika ta' Bormla u sussegwentement l-isptar ġenerali, l-attur dejjem spjega li huwa weġġa b'imqass kbir fuq il-post tax-xogħol u qatt ma semma' li kien weġġa' waqt li kien qiegħed jaqla' t-tyres ta' vettura. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta naqsu milli jġibu prova tal-allegazzjoni tagħhom.

35. Il-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-liġi abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha u dan anki fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[19], li min jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui nnegat*. Intqal fis-sentenza **Eucaristico Zammit vs. Eustrachio Petrococchino** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 ta' Frar 1952 li

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli".

---

[14] Fol 8 tal-proċess.

[15] Fol 16 tal-fajl mediku.

[16] Fol 6 tal-fajl mediku.

[17] Fol 27 tal-fajl mediku.

[18] *ibid*. Meħuda minn taħt it-titolu *Operation Findings*.

[19] Fosthom **Dr H. Lenicker vs. J. Camilleri** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju 1972; **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-2 ta' Mejju 1995 u **Anthony Azzopardi et. noe vs. Lapsi Holdings Limited**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19ta' Jannar 2015.

36. Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis li l-attur ipprova sal-livell meħtieġ bil-liġi li huwa weġġa bil-magna li taqta' r-ram. Fl-ewwel lok huwa evidenti mill-fajl mediku li l-attur qata' subgħajh u mhux għaffeġ subgħajh. Fit-tieni lok kien Enzo Attard stess li qal li kieku verament kien qiegħed juża l-magna li jaqta' r-ram, is-swaba kienu jinqatgħu u mhux jitgħaffġu. Ġaladarba ġie determinat li s-swaba fil-fatt kienu nqatgħu, dan ikompli jsaħħaħ il-konveinċiment ta' din il-Qorti illi verament l-attur weġġa bil-magna imsemmija u mhux kif qed tgħid is-soċjeta' konvenuta.

37. Dan determinat imiss jiġi meqjus jekk is-soċjetà konvenuta pprovdietx post tax-xogħol sigur. Qabel tgħaddi sabiex tqis x'inhuma d-dmirijiet tal-impjegat u ta' min iħaddem, il-Qorti tosserva li l-punt tat-tluq fi proċeduri għal danni akwiljana huwa l-**Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili** fejn jipprovdi li *"[k]ull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu."* Però min ma jagħmilx użu tal-jedd tiegħu fil-qies, huwa tenut iħallas id-danni li jiġru minħabba t-tort tiegħu (**Artikolu 1031** tal-Kapitolu 16), u huwa fit-tort min fl-azzjonijiet tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza, u l-attenzjoni ta' *bonus pater familias* (**Artikolu 1032** tal-Kapitolu 16). Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lil ħaddieħor (**Artikolu 1033** tal-Kapitolu 16). Finalment l-Artikolu **1045** tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi kif jitqiesu d-danni u dan billi jgħid li l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib. Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita permanenti kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.

38. Dawn il-prinċipji ġew kkunsidrati diversi drabi mill-Qrati nostrana fosthom fis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-12 ta' Diċembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuel Sammut et vs. Chief Government Medical Officer et** fejn ġie reaffermat li

> "[...] ghal dik li hija responsabbilta` tal-incident de quo skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** jinghad li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu". **("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici" -** A.C. 3 ta` Dicembru 1991). Illi ai termini tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** "jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb ta` familja". Illi fis-sentenza **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta` Marzu 2001) inghad illi "minn dawn l-artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta` attenzjoni tieghu, b`negligenza u b`nuqqas ta` prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-

haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".

39. Hu magħruf, li ma' dawn il-prinċipji għandu jiġi kkunsidrat ukoll li f'azzjoni ta' danni li jitnisslu minn delitt jew kważi-delitt, l-attur jeħtieġlu jipprova n-ness bejn l-aġir tal-konvenut u dannu minnu soffert. Fis-sentenza **George Thomas Davison vs. Joseph Azzopardi noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-2 ta' Marzu 1962 ingħad hekk: "*mill-analisi tal-istess disposizzjonijiet tal-liġi jirriżulta illi għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jikkonkorru tliet elementi, li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabilita tal-istess fatt għal min ikun għamlu, u (3) id-dannu kaġunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt [...] mhux biżżejjed li tiġi konstata l-ħtija, imma hu meħtieġ ukoll li jiġi stabbilit li dik il-ħtija kkaġunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod ċert.*"

40. Delineati l-prinċipji ġenerali għall-azzjoni odjerna imiss jiġi determinat id-dmirijiet li impjegat u prinċipal għandhom fil-konfront ta' xulxin.

41. Dwar ir-responsabbiltà għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna titfa' oneru qawwi fuq l-*employer* li għandu jara li l-impjegati tiegħu ma jiġrilhomx deni u ħsara fuq il-lant tax-xogħol. Min iħaddem irid mhux biss jipprovdi lill-ħaddiema b'tagħmir ta' sigurtà, iżda irid jassigura li dak it-tagħmir jintuża. Dan magħdud

> "Ghandu jinghad li fejn jidhlu incidenti fuq il-post tax-xoghol, meta persuna tkorri waqt li tkun qieghda twettaq il-qadi ta' dmirijietha, il-prova tar-responsabbilità ta' dak li gara xorta taqa' fuq min ikun wegga' (l-attur). Il-fatt wahdu li persuna tkorri fuq il-post tax-xoghol, ma jfissirx li min ihaddem ghandu bilfors igorr ir-responsabbilità ghal dak li gara, jew li l-persuna li korriet tehles mill-htiega li tipprova l-allegazzjoni taghha. Dana peress li kif inghad qabel, il-principju jibqa' li min jallega jrid jipprova. Dak li jrid jipprova l-attur appellant, huwa n-ness li dak li sehh, kien konsegwenza ta' xi agir jew xi nuqqas ta' min ihaddem u li dak li gara ma jkunx konsegwenza ta' agir jew nuqqas tieghu stess."[20]

42. Din il-Qorti tqis li l-fatt waħdu li, fil-passat, qatt ma nqalgħu problemi jew ilmenti, ma jfissirx li s-sistema adottata kienet waħda sigura jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi. Tant li min iħaddem irid jipprovdi dak li hu msejjaħ "*a safe system of work*", u din is-sistema trid tieħu in konsiderazzjoni:

> "l-atmosfera fil-post tax-xogħol, id-diffikultajiet li jsib il-ħaddiem fil-kors tax-xogħol tiegħu, il-ħinijiet twal, l-għaġġla fix-xogħol, nuqqas ta' għajnuna minn ħaddiema oħra li jkunu inkarigati biex jaħdmu miegħu fuq dan ix-xogħol" -

[20] **Barkeib Abdulmajead Asad Elmajead vs. Auto Mechanical Engineering Services Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-20 ta' Lulju 2020.

**Schembri vs. Caruana** deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-12 ta' Jannar, 1983."

43. Dan jirriżulta anke mil-leġislazzjoni nostrana fosthom il-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.15, Regolamenti dwar ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18, Regolament dwar dispożizzjonijiet ġenerali dwar is-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Tant li Regolament 4 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18 jipprovdi speċifikament li "*Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol.*" Kif ukoll taħt Regolament 4 (3) tal-imsemmi leġislazzjoni sussidjarja ġie stabbilit li "*Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u taħriġ kif meħtieġ.*"

44. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 ta' Marzu 2010 fil-kawża fl-ismijiet **John Barbara vs. Airmalta p.l.c**. dwar *safe system of work* tgħid:

"Minn dak imsemmi hawn fuq jemerġi ċar li min iħaddem għandu dejjem juża d-diliġenza ta' *bonus pater familias* inkluż li għalhekk jipprovdi *a safe system of work* għax altrimenti jkun responsabbli għal eventwali danni. Huwa ċertament responsabbli għal danni min jimpjega b'mod li:

1. Ix-xogħol kien jinvolvi riskju ta' korriment li seta' jkun raġjonevolment previst,
2. Ir-riskju kien il-kawża tal-korriment,
3. Tali riskju seta' ġie evitat.

F'dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota minn sentenza tagħha kif presjeduta mogħtija fid-19 ta' Ġunju, 2007 fl-ismijiet **Armando Caruana vs. Filomeno Pace noe** fejn ingħad:

"Ċertament jinkombi fuq l-*employer* li jipprovdi *a safe system of work* għall-impjegati tiegħu, kemm jekk ix-xogħol isir f'fabbrika kif ukoll jekk il-ħaddiema jintbagħatu jaħdmu barra mill-fabbrika. Xogħol barra mill-fabbrika xorta waħda għandu jkun *safe system of work* u dan japplika mill-bidu nett sal-aħħar nett li jkun qiegħed isir ix-xogħol. Huwa d-dover ta' min iħaddem li qabel ma jibgħat il-ħaddiema tiegħu fuq il-lant tax-xogħol jivverifika li l-kundizzjonijiet huma *safe* u mingħajr riskji għall-ħaddiema tiegħu. Għalhekk huwa d-dover ta' min iħaddem li jispezzjona l-post tax-xogħol u jevalwa r-riskji involuti u li ma jkunx hemm periklu għall-ħaddiema. Taħt kull ċirkostanzi l-ħaddiem m'għandux jiġi mqiegħed fil-periklu bla bżonn."

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Bugeja vs. Montanaro Gauci**, deċiża fl-14 ta` Mejju, 2004:

> "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilità li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċkenn possibilità ta' infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bħala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'"

45. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Frederick Sammut et vs. Direttur Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili et**, proprju indirizzat dawn l-obbligi partikolari ta' min iħaddem, meta qalet:

> "Kull min iħaddem għandu jagħmel dan l-eżerċizzju billi jottempera ruħu mad-dmirijiet ġenerali li jadotta prekawzjonijiet xierqa bħala bonus paterfamilias, u għalhekk, f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni kritika tal-miżuri preventivi u protettivi. Dan jinkludi li jiġi kkonsidrat kemm in-natura tal-attivitajiet tax-xogħol billi tingħata l-informazzjoni u t-taħriġ meħtieġa skont il-liġi; li jara li jiġi pprovdut post sigur fejn isir it-taħriġ; li tingħata l-għodda adegwata u l-ilbies kollu protettiv meħtieġ; kif ukoll li tali għodda hekk adattata tiġi użata u lbies attwalment użat, b'dan li anki kieku jingħata l-ilbies u apparat protettiv kollu ...xorta waħda l-prinċipal għandu jara li l-apparat jiġi effettivament użat."

46. Huwa relevanti dak li ingħad mill-Qorti Qorti tal-Appell (sede Kummerċjali) fis-7 ta' Diċembru 1994 fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Grech vs. Carmelo sive Charles Farrugia et**:

> "Il-makkinarju għandu jkun imħares b'mod illi ma jirrekax ħsara lil min qed jaħdem fuqu, jew qed jadoperah anke meta dan ma jkunx qed jaħdem fuqu, jew juża dak il-makkinarju mingħajr dik l-attenzjoni u prudenza li wieħed jistenna bħala normalità. U dan, biex jagħmel tajjeb għal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u għaqal, li jsofri ħaddiem industrijali, proprju għaliex dik l-aljenazzjoni tkun, fil-maġġoranza talkażijiet, indotta mill-istess natura tal-attività industrijali".

47. Dan kollu meqjus ma jfissirx li l-impjegat m'għandux id-dmirijiet tiegħu wkoll. Dawn ġew spjegati mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża sukwotata fl-ismijiet **Barkeib Abdulmajead Asad Elmajead vs. Auto Mechanical Engineering Services Limited** deċiża fl-20 ta' Lulju, 2020:

> Min-naha l-ohra, il-grad gholi ta' responsabbilità ta' min ihaddem, ma jehlisx lill-haddiem mill-obbligu li jhares is-sahha u s-sigurtà tieghu nnifsu u ta' dawk kollha li jistghu jintlaqtu mix-xoghol li jkun qieghed iwettaq (Artikolu 7 (1) tal-Kap. 424) jew milli jikkoopera ma' min ihaddmu u mal-awtoritajiet kompetenti (Artikolu 7 (2) tal-Kap. 424). Hekk ukoll jitqies li haddiem ghandu jzomm lura milli jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih ghal riskju bla bzonn u li joqghod attent ghal dak li jkun qieghed jaghmel. Huwa ritenut li haddiem li jonqos milli joqghod ghall-istruzzjonijiet li jkun tah, jew ghall-prekawzjonijiet li jkun fetahlu ghajnejh ghalihom

min iħaddem, ghandu jbati l-konsegwenzi li jgarrab. Hekk inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar, 2009, fil-kawza fl-ismijiet **Peter Ronald v. Polibon Construction Limited**:

***"Huwa minnu li d-datur tax-xoghol ghandu obbligu li jhares l-inkolumita` tal-impjegati tieghu u dana billi jpprovdi dak li jissejjah 'a safe system of work' kif ukoll 'a safe place of work'. Ghandu wkoll jaccerta ruhu li l-impjegati tieghu jkunu mharrga sew dwar ix-xoghol li jkunu mistennija li jaghmlu. Pero` daqstant ghandhom obbligu dawk l-istess impjegati li, fl-interess taghhom stess, fl-ewwel lok jobdu dawk l-istruzzjonijiet li jkunu gew moghtija lilhom mill-employer u inoltre jagixxu b'mod dettat mis-sens komun, sabiex jassiguraw l-inkolumita` taghhom.*** [...]"

48. Senjalati l-prinċipji legali u ġurisprudenzjali imiss li jiġu applikati għall-każ odjern u għandu jiġi determinat jekk l-attur kienx qiegħed jaħdem f'post u f'sistema li hija sigura.

49. L-attur kien ilu erba' snin jaħdem mas-soċjetà konvenuta meta seħħ l-akkadut. Mhux kontestat mis-soċjetà konvenuta li x-xogħol li beda jagħmel l-attur kien li jqatta' l-ħadid (*scrap iron*) u biex jagħmel dan kien ingħata taħriġ minn Raymond Mifsud. Però skont l-attur huwa kien beda jaħdem fuq magna kompletament differenti xi xahar qabel l-akkadut u mhux b'mod frekwenti fuq magna kompletament differenti, magna li jaqta' copper wire.

50. Qabel beda jaħdem fuq din l-aħħar magna, l-attur kellu jingħata taħriġ kif tintuża din il-magna, kellu jingħata t-tagħmir protettiv u jiġi spjegat lilu l-karatteristiċi jew miżuri ta' sigurtà (s-*safety features*) li l-magna kellha flimkien ma' struzzjonijiet stretti ta' kif kellu jopera din il-magna b'enfasi li l-karatteristiċi ta' sigurtà għandhom ikunu f'posthom.

51. Filwaqt li l-Qorti tista' tikkonstata li xahrejn wara l-akkadut (meta mar rappreżentant tal-OHSA), il-*guard* fuq il-magna kienet hemm, il-Qorti ma tafx fi żgur jekk tali guard kinitx hemm meta seħħ l-akkadut. Filwaqt li s-soċjetà konvenuta tinsisti li kienet hemm, l-attur taħt ġurament jgħid li ma jiftakarx jekk kienx hemm *safety features*. Ix-xhud tal-OHSA Charles Micallef, jgħid li Lukmon lilu kien qallu li dik il-parti li qisha *guard* ma kinitx hemm, però dan ma qalux taħt ġurament.

52. Meta seħħ l-inċident inkwistjoni, kien id-dmir ta' min iħaddem li javża b'dan lill-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Is-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel dan u ma saritx spezzjoni fi żmien xieraq mill-istess Awtorità biex anki tiġi ppreservata l-evidenza.

53. Kif ġia ritenut quddiem din il-Qorti, l-attur jinsisti li bħala taħriġ ma tantx ingħata u lanqas ma kien jaf jekk din il-magna kellhiex *safety feature*. Enzo Attard min-naħa tiegħu jgħid li Lukmon ingħata taħriġ għalkemm ma kienx hemm wisq għerf ta' kif

wieħed kellu jħaddem dik il-magna. Din il-Qorti tqis li m'huwiex biss l-għerf ta' kif titħaddem il-magna li għandu jiġi meqjus minn min iħaddem iżda fuq kull ħaġa oħra l-għarfien tal-karatteristiċi ta' sigurtà li l-magna għandha u l-proċedura ta' sigurtà li l-attur kellu jaddotta qabel jibda jaħdem fuq il-magna li taqta' r-ram.

54. Is-soċjetà konvenuta kellha dover tispjega lill-attur il-miżuri ta' sigurtà li l-magna għandha. Is-soċjetà konvenuta tinsisti li l-magna kienet mgħammra b'*guard,* però m'huwiex biss li l-magna tkun mgħammra b'*guard* iżda li l-attur kellu jkun jaf biha, ikun jaf għalfejn qiegħda hemm kif ukoll r-riskji inerenti tal-magna meta tintuża mingħajr il-*guard*.

55. Is-soċjetà konvenuta ippreżentat filmat[21] ta' kif taħdem il-magna. Il-filmat beda bil-*guard* 'l isfel però mir-rapport tal-Inġinier Mario Magri huwa evidenti li l-*gaurd* m'hijiex fissa tant li jgħid "*lowers the guard*"[22]. Fir-rapport, l-Inġinier Magri fisser ukoll li "*There is no interlock switch on the guard and the machine may continue to operate even if the guard is removed"*. Fi kliem ieħor, jekk il-*guard* tkun imtella 'l fuq, l-imqass huwa espost mingħajr ebda ilqugħ (ritratt hawn taħt meħud minn fol 130 tal-proċess):



MACHINE WITH GUARD REMOVED

56. L-Inġinier fisser ukoll li l-kulur ta' din il-*guard* kienet miżbugħa safra iżda huwa issuġġerixxa "*To paint the guard in red and make sure that no operator operates the machine without the necessary guard"*. Il-Qorti tinnota wkoll li fuq din il-*guard* jew/u ħdejn il-magna ma kien hemm ebda sinjali mwaħħlin tal-ħtieġa li titniżżel il-*guard*

[21] Fol 196 tal-proċess.

[22] Fol 129 tal-proċess.

qabel tinxtegħel. Ifisser għalhekk il-*guard* ma kinitx tispikka la mill-kulur tagħha u lanqas mis-sinjali mwaħħlin fuqha.

57. L-attur fisser li huwa kien ingħata struzzjonijiet li l-biċċiet tar-ram kellhom jinqatgħu f'daqs ta' tlieta jew erba' ċentimetri. Din twassal lill-Qorti għalhekk sabiex tqis kemm kien possibbli għall-attur li jaqta' ir-ram fi bċejjeċ daqstant żgħar, speċjalment l-aħħar biċċa tal-*wire*, mingħajr ma jkollu għalfejn idaħħal idejh minn taħt il-*guard*. Dawn il-qisien ma jinstabux fir-rapport tal-Inġinier u ħadd mix-xhieda ma donnu ħa kont ta' dan il-fatt, però mill-filmat surreferit jidher li l-ħxuna tal-*guard* kienet tal-anqas bejn żewġ u tlett ċentimetri, u bi spazju ta' ċentimetru jew tnejn bejn il-*guard* u l-mqass, kif huwa evidenti fir-ritratti t'hawn taħt. B'dan ifisser għalhekk li tal-anqas għall-aħħar parti tal-wire, l-utent tal-magna jrid idaħħal xi ftit jew wisq is-swaba taħt il-*guard* jekk anke dik il-parti għandha tinqata' f'daqs ta' tlett jew erba' ċentimetri:





58. Magħdud ma' dan kollu, il-Qorti tqis ukoll li l-fetħa li tipprovdi din il-*guard* hija kemxejn wiesa mingħajr il-possibilità li tiġi aġġustata skont il-ħxuna tal-ħadid li qiegħed jitqatta', faċilment għalhekk li s-swaba jibqgħu deħlin taħt il-*guard*.



59. In oltre jitqies ukoll li l-veloċita tal-imqass m'huwiex kajman bħal ma donnu jipprova jagħti x'jifhem Enzo Attard fix-xhieda tiegħu. Skont ir-rapport tal-Inġinier Magri, "*The average cycle takes around 1.5 seconds for a total of around 90 cuts per minute*."[23]

60. B'dan kollu għalhekk il-Qorti tqis li dan l-inċident kien prevedibbli għal min iħaddem. Huwa evidenti li l-fatt waħdu li l-imgħallem ipprovda t-tgħamir protettiv, tant li l-attur kien liebes l-ingwanti pprovduti mill-imgħallem (għalkemm mhux neċessarjament li kienu adegwati fix-xogħol ta tqattigħ ta' ħadid) ma kienx biżżejjed u ċertament li s-soċjetà konvenuta ma tistax tistrieħ biss fuq tali fatt. Ir-responsabiltà tal-imgħallem tmur oltre minn hekk. Magħhom għandhom jiżdiedu t-taħriġ, u s-superviżjoni.

61. L-attur fisser li huwa kien ilu biss xahar juża dik il-magna u ma kienx jużaha daqstant frekwenti. B'dan il-Qorti tifhem għalhekk li kellu nuqqas ta' esperjenza fuq dik il-magna u kien jeħtieġ li sakemm l-attur jikseb aktar esperjenza kellu jkun hemm xi ħadd viċin tiegħu li jassistih, jissuperviżjonah u jiżgura li kien jaf bil-miżuri ta' sigurtà u għalfejn qegħdin hemm u dan sabiex jiġu evitati inċidenti bħal dak odjern.

62. Huwa fil-fatt evidenti li ħadd ma kien qiegħed jissuperviżjona lill-attur waqt l-użu tal-magna. Enzo Attard stess, direttur tas-soċjetà konvenuta, jgħid li l-kollegi tal-attur kienu kollha fil-kċina u hu kien fl-uffiċċju tiegħu. In oltre f'ebda stadju ma ġie mfisser mis-soċjetà konvenuta li hija kienet ġibdet l-attenzjoni tal-attur sabiex juża l-*guard*. Għaldaqstant is-superviżjoni għandha tkun waħda effettiva li tassigura li l-ħaddiema, f'dan il-każ l-attur, kien qiegħed effettivament juża l-magna u l-miżuri ta' sigurtà kif imiss.

63. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis illi l-attur seħħlu jipprova li huwa weġġa waqt li kien qiegħed juża magna li taqta' u (a) li dwarha ma kienx ingħata wisq taħriġ, (b) li l-miżuri ta' sigurtà tal-magna ma kinux adegwati; u (ċ) li kien hemm nuqqas ta' superviżjoni da parti tas-soċjeta' konvenuta waqt il-ħin tal-akkadut.

**64. Determinat li s-soċjetà konvenuta kienet responsabbli għal dak li seħħ fis-17 t'Ottubru 2011, il-Qorti ser tgħaddi tikkonsidra x-xorta tad-danni konsegwenzjali li qed jiġu reklamati mill-attur.**

**Likwidazzjoni tad-danni**

65. Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-Artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*): "*l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel*

[23] Fol 130 tal-proċess.

*minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib*."

66. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "*is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara*."

67. Ġie mfisser mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza deċiża fis-27 t'April 2005 fl-ismijiet **Paul Debono vs. Malta Drydocks** li

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita` . Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja."

68. L-attur għalkemm talab għal-likwidazzjoni ta' danni ma jidhirx li qiegħed jitlob għal-likwidazzjoni ta' danni attwali, tant li ma ressaq ebda prova fir-rigward ta' dan. Il-prova li ressaq hija fir-rigward tal-*lucrum cessans*.

<u>*Grad ta' debilita` permanenti*</u>

69. Fir-rigward għar-rata ta' debilita` permanenti, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza **George Baldacchino et vs. Malta Freeport Terminals Ltd** mogħtija fis-17 ta' Marzu 2021 ġie osserva li

> "kif inghad minn **Morris L.J**. fil-kawza Ingliza fl-ismijiet **Scott v. Musial**:
>
> "*The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion*."
>
> [...] Jinghad ukoll li, huwa minnu li l-gurisprudenza tal-Qrati taghna stabbiliet li tali percentwal m'ghandux jigi marbut semplicement mal-grad ta' dizabilita` f'sens strettament mediku, izda ghandu jittiehed konsiderazzjoni tal-effett li dik id-dizabilità ghandha fuq il-hajja lavorattiva tad-danneggjat u fuq l-effett li din ghandha fuq il-kapacita` tal-qligh tieghu."

70. Fil-każ de quo ġie nominat il-konsulent Mr. Joseph Borg li wara li invista lil Lukmon fid-19 ta' Ġunju 2018, huwa wasal għas-segwenti konklużjoni:

> *“The gentleman sustained an injury at work which resulted in hum having partial amputations of the index and middle fingers of his dominant hand. This has caused considerable loss of function notably, fine movements, power grip and pincer grip which are effecting his daily living. It is certain that the accident has caused permanent disability and based on the “***att biex jemenda l-Kodici Civili Kap 16 pagni 42-43***” I would grade his disability as a case from the accident in question as 11.6%”*[24]

71. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu l-attur allega li t-tabib personali tiegħu kien iffissa d-diżabilità għal sbatax fil-mija (17%) però dan ir-rapport qatt ma ġie ippreżentant fil-kawża u għalhekk ċertament li din il-Qorti ma tistax tieħu kont ta’ tali allegazzjoni.

72. Huwa miżmum illi l-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet ta’ natura teknika li jsiru minn esperti maħtura mill-qorti għandhom valur probatorju qawwi; huwa daqstant ieħor miżmum li l-qorti ma hiex neċessarjament marbuta bil-konklużjonijiet tal-espert maħtur minnha u dan in linea ma dak li jipprovdi l-**Artikolu 681 tal-Kapitolu 12**: “*Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha*.”

73. Fuq din il-materja ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) tad-19 ta’ Novembru 2001 fil-kawża **Joseph Calleja noe vs. John Mifsud** fejn ġie ritenut illi:

> “Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.”

74. Fil-każ odjern, għalkemm is-soċjetà konvenuta rriżervat id-dritt li titlob il-ħatra ta’ periti addizzjonali, hija ma resqitx tali talba. Nonostante li fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà konvenuta tikritika ir-relazzjoni peress li l-espert għamel referenza għall-abbozz sabiex isiru emendi għal-liġi Maltija, jiġi osservat illi s-soċjetà konvenuta naqset milli teskuti lill-espert u lanqas ma talbet il-ħatra ta’ periti addizzjonali.

[24] Fol 141 tal-proċess.

75. In oltre fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tikkontendi li d-diżabilità li qiegħed isofri l-attur konsegwenza tal-inċident u l-korriment li ġarrab m'affetwax il-ħidma tiegħu tant li baqa' għaddej bix-xogħol bla waqfien, "*xoghol aktar speċjalizzat (u bl-idejn) milli kien jaghmel mal-esponenti minghajr problemi ta' xejn*."[25] Biex b'hekk jekk għandu jsir xi kalkolu dan għandu jsir fuq perċentwal ferm iżgħar minn dak indikat mill-Konsulent Joseph Borg u għandu jibda mid-data tas-sentenza.

76. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mario Galea vs. Malta Freeport Terminals Limited et**. fejn il-Prim' Awla fis-sentenza tagħha tad-19 t'Ottubru 2021 kienet rriduċiet il-persentaġġ stabbilit mill-espert mediku wara li qieset li l-attur f'dik il-kawża kien ġarrab għaxar inċidenti preċedenti li seħħew fuq il-post tax-xogħol u li ħadd mill-periti mediċi ma kkalkula l-effett tagħhom fuq id-diżabilità reklamata mill-attur b'riżultat ta' dan l-inċident. Il-Qorti tal-Appell ma qablitx ma' dan u fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Ġunju 2022 osservat hekk:

> "17. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti, apparti li hija dijametrikament opposta għall-ġurisprudenza kollha ċitata mill-ewwel Qorti fis-sens li kumpens għal diżabilita` permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġjata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha[...]
>
> [...] Relevanti f'dan il-kuntest hija s-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et**, fejn apparti li saret konsiderazzjoni simili, saret referenza wkoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Falzon et v. Emanuel Schembri et** fejn ingħad:
>
> "...il-ħsara mġarrba mill-attur trid titqies ukoll mill-aspett ta' nuqqasijiet jew telf ta' opportunitajiet li dik il-ħsara tkun ġabet lill-vittma, kif ingħad aktar qabel. It-tħabrik tal-attur li jgħin lilu nnifsu biex jasal ħalli jkun jista' jaqla' l-għixien tiegħu m'għandux ikun raġuni biex l-imħarrkin jibbenefikaw minn tnaqqis ta' kumpens għall-ħsara li ġarrab, għaliex huwa mistenni li l-parti mġarrba tagħmel l-aħjar li tista' biex tnaqqas l-effetti tad-dannu mġarrab minnha. Dak it-tħabrik juri wkoll li, minkejja dak li għadda minnu l-attur Carl Falzon, kien determinat li jimxi 'l quddiem fil-ħajja fil-qafas tal-limitazzjonijiet fiżiċi u fiżjoloġiċi li l-ġrieħi ġabhulu, u liema sforz jixhed ir-rieda u l-ħila tiegħu li jilħaq dak li jaspira għalih, u li dak li kien jaspira li jilħaq ma kienx biss il-frott ta' xewqa fiergħa maħluqa biex jipprovoka għoti ta' kumpens akbar;"
>
> Hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li l-attur daħal lura għax-xogħol m'għandux jintuża bħala raġuni ta' tnaqqis mill-kumpens għall-ħsara li ġarrab u għalhekk din il-Qorti ser twarrab il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti f'dan is-sens."

[25] Fol 264 tal-proċess.

77. Hawn ukoll, fid-dawl tal-ġurisprudenza suesposta, il-Qorti ma tarax li għandha tnaqqas il-persentaġġ tad-diżabilita' permanenti sofferta mill-attur sempliċiment għaliex kompla jaħdem b'salarju aħjar. **Għaldaqstant il-Qorti qed tadotta l-perċentwali ta' diżabilita' permanenti skont ir-relazzjoni tal-espert mediku Mr. Joseph Borg.**

*Multiplier*

78. Fir-rigward tal-*multiplier* ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża imsemmija aktar 'l fuq fl-ismijiet **Barkeib Abdulmajead Asad Elmajead vs. Auto Mechanical Engineering Services Limited** li:

> "32. F'dak li ghandu x'jaqsam il-multiplier, kif kellha okkazjoni din il-Qorti tosserva fir-rigward tal-*multiplier* f'diversi kazijiet ohra, normalment f'cirkostanzi bhal dawn, m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-età tal-irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or vicissitudes of life*. Il-kuncett ta' *chances and changes of life*, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-*working life expectancy* m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-*multiplier*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet **Gauci v. Bugeja**, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et** deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:
>
> "*In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income*." (**The Law of Tort - W.V.H. Rogers**, 1994, 2nd Ed. P.228)
>
> Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-*multiplier*:
>
> "*A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*." (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law** 6th Edit, 1999, p.122).

33. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited**, inghad hekk:

"*Fis-sentenza recenti ta' din il-Qorti Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et, deciza fl-24 ta' Gunju, 2016, inghad ukoll illi:*

"*F'dan il-kaz ukoll ikun xieraq, illi konsidrat l-eta` tal-attur fil-mument tal-incident, ghandu jittiehed kont tal-incertezza ta' chances and changes of life u ghalkemm huwa kellu aspettativa ta' hajja lavorattiva ta' 30 sena, wiehed ghandu jqies l-incertezza li toffri l-hajja fir-rigward. Il-multiplier mhux massima ta' mizura ta' kalkolu awtomatiku u rigidu imma ghandu jippermetti temperament anke jekk marginali, fil-kaz fejn l-aspettativa hija fit-tul u l-incertezza ferm akbar. Il-multiplier ghandu jigi applikat sabiex ikun stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti leza u l-obbligu tal-obbligat. Mhux il-kaz li wiehed jadoperah bhal li kieku hemm xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri, ghax dan huwa kamp fejn ghandha tregi l-moderazzjoni.*"

"*Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ghalkemm hija ben konxja tal-fatt li l-hajja lavorattiva qeghda dejjem tizdied, izda, min-naha l-ohra, meta tikkonsidra l-element tac-chances and changes in life, li minn dejjem gie kkonsidrat bhala parti integrali mill-komputazzjoni tal-hsara, tara li multiplier ta' 22 adoperat mill-ewwel Qorti ghall-kaz in ezammi, fejn l-attur appellant kellu 35 sena meta sehh l-incident, huwa wiehed gust u ekwu*."

Hekk ukoll f'dan il-kaz, l-attur kellu 35 meta gara l-incident u ghalhekk ser tadopera l-istess *multiplier* ta' 22."

79. Fis-sentenza **George Baldacchino et. v. Malta Freeport Terminals Limited** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-17 ta' Marzu, 2021 ġie ritenut illi:

> "… ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad danneggjat fil-mument li sehh l-incident, (ara per ezempju Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 1983) normalment f'kazijiet bhal dawn, m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda lmultiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life. Ghalkemm il-Qorti ghandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-incident, m'ghandux jittiehed biss il-maximum working life expectancy tad-danneggjat. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkunsidrat kollu ghal

fissazzjoni tal-multiplier. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din ilQorti, fil-kawza **Francis Gauci v. Jimmy Bugeja,** deciza fis-27 ta Novembru, 2009.)".[26]

80. Fil-każ de quo, l-attur kellu 36 sena meta weġġa'. Skont rapport tal-**Għaqda Dinjija tas-Saħħa**[27] maħruġ fis-sena 2022, l-eta' medja tal-mewt ta' raġel f'Malta hija ta' tmenin (80) sena, perijodu ferm itwal mill-eta' tal-irtirar. Dan ifisser illi hemm aktar possibilita' li bniedem jgħix aktar minn 65 sena milli anqas. Pero' perċentwali ta' persuni li jiġu nieqsa qabel l-eta' ta' 65 sena dejjem ser ikun hemm. Min kaġun ta' mart terminali u min kaġun ta' inċidenti sfortuntati. B'hekk ma hu qatt eskluż il-possibilita' li persuna llum b'saħħitha xorta waħda tmut qabel ma tilħaq l-eta' tal-pensjoni u għalhekk huwa opportun tnaqqis mis-somma sħiħa sabiex tirrifletti l-element tac-*chances and changes in life* rikonoxxut fil-ġurisprudenza in materia.

81. Skont ir-**Rapport Annwali dwar l-Imwiet** għas-sena 2019[28] maħruġ mid-Direttorat dwar Informazzjoni u Riċerka tas-Saħħa ta' Malta[29] jirriżulta illi minn 1869 mewt ta' persuni maskili f'dik is-sena, 190 biss kellhom bejn 55 u 64 sena. Minn tali statistika joħroġ illi l-probabilita' kbira hi li l-attur jgħix sal-eta' tal-irtir u għalhekk it-tnaqqis minħabba l-element abbinat mal-*working life expectancy* għandu jkun wieħed nominali.

82. Meta tqis illi l-attur jilħaq l-eta' tal-irtira meta jagħlaq ħamsa u sittin (65) sena, perijodu ta' disgħa u għoxrin (29) sena bejn l-inċident u d-data tal-irtir, **tqis li *multiplier* ġust għandu jkun ta' sebgħa u għoxrin (27) sena.**

<u>*Qligħ tal-attur*</u>

83. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ingħad li kien jaqla' madwar €204 fil-ġimgħa iżda fl-affidavit l-attur ħalef li kien jaqla' paga ta' €640 kull xahar. Għalkemm ma ġewx ippreżentanti *payslips* jew FS3s għal perjodu li l-attur kien jaħdem mas-soċjetà konvenut, is-somma ta' €640 ma kinitx ġiet ikkontestata mis-soċjetà konvenuta u għalhekk il-Qorti sejra timxi fuq dik iċ-ċifra anke wkoll għaliex hija ċifra li ingħatat taħt ġurament.

84. Il-Qorti hawn sejra tqis ukoll jekk għandux isir tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul.

85. Fis-sentenza **George Baldacchino et vs. Malta Freeport Terminals Ltd** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-17 ta' Marzu 2021 inżamm kif isegwi:

---

[26] Ara wkoll **Joseph Azzopardi v. Id-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili** - Appell Superjuri - 6 ta' Frar, 2024
[27] <u>https://data.who.int/countries/470</u> - aċċessat fil-15 ta' Ġunju, 2024
[28] Sena magħżula peress li tiġi qabel l-effetti tal-imxija tal-Covid-19
[29] ttps://healthservices.gov.mt/en/dhir/Documents/Deaths/Annual%20Mortality%20Report%202019.pdf – aċċessat fil-15 ta' Ġunju, 2024

"23. Kif kellha okkazjoni tesprimi din il-Qorti, l-komputazzjoni tat-telf tal-qligh futur (*lucrum cessans*) ghandu jsir a bazi tad-dhul gross u f'dan is-sens taqbel mal-attur appellant f'din il-parti tal-ilment tieghu sa fejn jinghad minnu li fuq medda ta' zmien il-paga normalment tizdied. Dan kif jipprova l-istess attur fejn mir-rendikont tad-dhul tieghu jirrizulta li, fuq medda ta' erba' snin il-paga gross tieghu zdiedet progressivament. Dan b'zieda mal-fatt tal-inflazzjoni u l-impatt li thalli fuq is-sahha tal-valuta, jaghmel it-tnaqqis fittizju ta' rata ta' taxxa fuq somma li tkun qeghda tithallas f'daqqa, ezercizzju gudizzjarju azzardat u x'aktarx arbitrarju. F'dan is-sens gew decizi s-sentenzi ta' din il-Qorti tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawza fl-ismijiet **Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited** u dik tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawza fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt**. F'din l-ahhar sentenza saret referenza ghall-gurisprudenza ohra li titqies relevanti wkoll ghal dan il-kaz:

*"il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Carmela Muscat pen v. Francis Schembri et. (PA, 27/01/1972) fejn il-Qorti osservat li ghandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni ghat-telf ta' qliegh futur u mhux*

*"...taghmilha ta' speci ta' tax collector bir-rizultat li tiffavorixxi d-debitur tad-danni u taggrava lid-danneggata, in kwantu l-ewwel wiehed jigi jhallas inqas milli ghandu proprjament jigi likwidat u t-tieni wiehed, ghall-bzonn, ikun irid jerga' jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilita li jkun gie qiesu hallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darba ohra, fuq is-somma gia minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe kaz l-income tax ghandha tithallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta' obbligazzjonijiet civili u l-kalkolu taghha jista' jiddependi fuq diversi cirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneggat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom u ghalhekk il-Qorti lanqas ma ghandha biss tesprimi opinjoni, fuq haga li mhix ta' kompetenza taghha."*

*"In oltre kif intqal fil-kawza George Borg et v. Anthony Borg et (App 20/10/2008):*

*"Barra minhekk, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda tnaqqis minhabba t-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali ma ghandu jimpingi bl-ebda mod fuq il-kwantifikazzjoni tal-qliegh futur tad-danneggjat u dana billi huwa principju ormaj generalment accettat li huwa l-gross salary li huwa relevanti biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni kemm huwa dovut lid-danneggjat jekk dan jipprova l-kaz tieghu.""*

86. Sentenzi oħra mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fuq l-istess linja ta' ħsieb huma diversi fosthom: **Trevor Grech v. Lawrence Agius**[30]; **Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et**[31]; **Alexander**

[30] 15.06.2023
[31] 22.06.2022

**Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited**[32]; **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt**[33]; **Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited**[34]; **Kerstin Sant v. Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited**[35]; u **Lee Tanti v. Clayton Bugeja et.**[36]. B'applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti sejra tikkalkula d-dannu fuq il-paga gross li kellu l-attur mingħajr tnaqqis ta' taxxa u/jew kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali.

*Lump sum deduction*

87. Imiss issa jiġi meqjus il-*lump sum deduction*. Fis-sentenza **Vladyslava Kravchenko et vs. Kevin Micallef et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 ta' Frar 2024 ġe mfisser li

> "Dwar it-tnaqqis tal-lump sum, skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, il-perċentwal ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' *lump sum payment* jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża ddum għaddejja. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et**). Dan it-tnaqqis fil-perċentwal jibda jiddekorri minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża, sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi, ir-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' in *illiquidis non fit mora*, b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-1 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet **Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited** u dik tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et**).
>
> 45. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara b'eżempju s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et** deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2021 u dik ta' **Frederick Catania v. Ta' Mattew Fish Farm Limited** msemmija qabel)."[37]

[32] 30.03.2021
[33] 06.10.2020
[34] 27.01.2021
[35] 26.01.2021
[36] 21.05.2024
[37] Ara wkoll **George Baldacchino et vs. Malta Freeport Terminals Ltd** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-17 ta' Marzu 2021 kif ukoll **Barkeib Abdulmajead Asad Elmajead vs. Auto Mechanical Engineering Services Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-20 ta' Lulju 2020 u **Roberta Cassar pro et noe. v. Polidano Brothers Ltd** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 ta' April, 2024.

88. Ġaladarba l-azzjoni ġiet intavolat fis-sena 2012 il-Qorti m'hi ser tagħmel l-ebda tnaqqis minħabba li ser isir ħlas f'somma sħiħa.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

89. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq magħmula, il-Qorti tillikwida d-danni *lucrum cessans* bil-mod segwenti:

Salarju annwali fis-sena tal-inċident - €7,680[38]

*Multiplier* ta' sebgħa u għoxrin (27)

11.6% grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur,

€7,680.00 x 27 = €207,360.00 x 11.6% = €24,053.76

Id-danni *lucrum cessans* sofferti mill-attur qed jiġu likwidati fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, u erbgħa u ħamsin ewro (€24,054).[39]

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża kif ġej

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għall-inċident li sofra l-attur fis-17 ta' Ottubru 2011.

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, u erbgħa u ħamsin ewro (€24,054)

[38] €640 (paga fix-xahar) x 12.

[39] Fir-rikors promotur l-attur ma talabx imgħax legali (ara **Av. Dr. Antoine Cachia et. vs. Joseph Borg - Appell Superjuri -** 29 ta' April 2016.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta’ €24,054.00;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta’ Ġunju, 2024

**Deputat Reġistratur**